FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 21 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 151/02 AE**

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stephen Frendo sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Stephen Frendo**

**vs**

**Monica Marique Gatt.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm505.34) jew somma verjuri, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Marzu

2001 fi Triq Sant'Andrija, Swieqi bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 293 misjuqa mill-konvenuta u vettura numru GAL 774 misjuqa minn u propjeta ta' l-attur.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuta u li permezz taghha kkontestat r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fit-28 ta' Marzu 2001 sehh incident tat-traffiku gewwa Triq Sant'Andrija, Swieqi bejn il-vettura GAL 774 (misjuqa mill-attur) u Land Rover bin-numru BAG 293 (misjuqa mill-konvenuta).

2. Is-sewwieqa taz-zewg vetturi taw verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xuxlin. Filwaqt li l-attur xehed li l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet wieqfa mal-gemb tat-triq u f'hin minnhom qabdet u harget ghal fuq it-triq (fol. 39 – 41) [verzjoni li hija korraborata minn Karen Frendo li kienet passiggier fl-istess vettura], il-konvenuta ddikjarat li fl-ebda hin ma kienet wieqfa mal-gemb tat-triq u li kienet *"f'nofs tat-triq.*

*B'dan infisser illi r-roti tan-naha tas-sewwieq kienu mal-linja tan-nofs"* (seduta tat-2 ta' Mejju 2002).

3. B'riferenza ghall-iskizz redatt mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 23) il-konvenuta xehdet: *"qieghda nara l-isketch li hemm a fol. 23 tal-process u bejn wiehed u iehor jiena nghid illi naqbel mal-vetturi kif jidhru fuq dan l-isketch.* ***L-unika haga li ma naqbilx maghha hi l-posizzjoni li tidher fiha l-karrozza tieghi BAG 293 li kienet fil-fehma tieghi iktar fid-dritt****"*.

Jigi osservat li:

- Il-hsara riskontrata fiz-zewg vetturi (ara fol. 22) ma tikkonfortax it-tezi tal-konvenuta li l-vettura taghha fil-hin ta' l-incident kienet dritta.

- Mill-iskizz ma jirrizultax dak li xehdet il-konvenuta, fis-sens li r-roti tal-vettura taghha (in-naha tas-sewwieq) kienu *"mal-linja tan-nofs"*.

- Lanqas il-posizzjoni angolata li fiha tidher il-vettura tal-konvenuta (fol. 23) ma tikkonforta l-verzjoni taghha.

- Kuntrarjament ghal dak li xehdet il-konvenuta, mill-iskizz ma jirrizultax li l-vettura tal-attur *"spiccat wrong-side kompletament"*.

- Filwaqt li l-konvenuta xehdet li qabel l-incident qatt ma rat il-vettura ta' l-attur, din il-verzjoni tikkontradici l-verzjoni tal-fatti moghtija minnha lill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (ara fol. 22 u xhieda ta' PC 586 Joseph Brincat). F'dan id-dokument jinghad li s-sewwieq tal-vettura BAG 293 qal: ***"… She saw car no GAL 774 coming from behind her…."***. Huwa facli ghall-konvenuta li wara dan iz-zmien kollu, illum tghid li qatt ma qalet dak il-kliem lill-pulizija. Pero' ma tressqet l-ebda prova li f'dak il-perjodu kienet b'xi mod ikkontestat dak li jinghad fl-okkorrenza.

4. Huwa maghruf li:

- Is-sinjali li tati persuna lil sewwieq iehor, ma jassolvux lil dan mid-dover tieghu li joqghod attent ghal utenti ohra tat-triq (ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Pul vs J. Busuttil** u deicza fid-29 ta' Novembru 1958).

- Is-sinjali ghandhom isiru fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom (ara f'dan is-sens is-sentenza riportata fil-Volum XXIX.iv.558).

- Il-fatt li wiehed jixghel l-indicator ma jaghtihx id-dritt li jaghmel li jrid.

5. Wara li qies il-provi li tressqu quddiemu, it-Tribunal jemmen li l-verzjoni moghtija mill-attur hija iktar verosimili u l-konvenuta hija responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza. Fil-fehma tat-Tribunal ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod tista' tixhet htija kontributorja min-naha ta' l-attur.

6. Id-danni reklamati ma gewx kontestati u jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Marzu 2001 gewwa Triq Sant'Andrija, Swieqi u jikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm505.34), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**